MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1374/1993/1

**Joanna Agius u Joseph Agius missierha**

**Vs**

**Kirurgu Professur Carmel sive Lino Cutajar**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B’citazzjoni pprezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-atturi ppremettew li wara li fis-26 ta’ Marzu, 1992, il-konvenut nehha l-kilwa x-xellugija tal-attrici Joanna, hija xorta wahda baqghet suggetta ghal ugiegh fl-istess parti ta’ gisimha, izda cioe` nonostante, il-konvenut ma rnexxielux jistabilixxi l-kawza tal-ugiegh, u attribwixxa l-ugiegh ghal xi ‘nerve entrapment’, u li huwa cahad it-talbiet tal-genituri taghha biex hija tibbenefika mill-fakolta` li tintbaghat ghall-investigazzjonijiet medici u kuri fl-Ingilterra, bil-konsegwenza li huma htegilhom jaghmlu dan a spejjez taghhom, u in oltre Joanna Agius kienet sofferenti minn infezjoni kronika u dik id-diagnosi giet suffragata fl-operazjoni hi saritilha fl-Ingilterra fit-3 ta’ Gunju 1993, u li l-ispecjalita Ingliz sab illi fl-operazzjoni esegwita mill-konvenut intuzat ‘unabsorbable suture’ minflok ‘dissolving suture’, li aggravat l-infezjoni sussegwenti l-operazzjoni, u li fl-okkazzjoni tal-operazzjoni tas-26 ta’ Marzu 1992 Joanna Agius kellha “secretion” minn sidirha izda dak il-fatt ma nghatax attenzjoni mill-konvenut, izda meta gralha l-istess waqt l-operazzjoni tal-ispecjalista Ingliz, dan issottomettiha ghat-‘tests’ indikati u nstab li kellha ‘small pituatary tumour’ li kien jirrikjedi kura u accertamenti perjodici, u ghalhekk ir-rikorrenti atturi talbu (1) li l-konvenut ikun iddikjarat responsabbli ghad-danni kollha li sofrew in konnessjoni mal-operazzjoni li huwa ghamel fis-26 ta’ Marzu 1992 lill-attrici Joanna Agius, (2) li l-konvenut ikun iddikjarat responsabbli ghan-nuqqas ta’ djanjozi u ghan-nuqqas tal-investigazzjonjiet mehtiega fil-perijodu ta’ wara l-istess operazzjoni; u (3) li jigi iddikjarat il-konvenut responsabbli ghar-rifjut sabiex l-attirici Joanna Agius tuzufruwixxi mill-beneficcju ta’ investigazzjonijiet medici ulterjuri u kura specjalizzata barra minn Malta a spejjez ta’ fondi pubblici.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT</u>**

2. Il-konvenut eccepixxa li in linea generali t-talba attrici kienet ibbazata fuq fatti foloz u ghalhekk huwa ma kellu iwiegeb ghal ebda danni, u li b’mod partikolari, kien biss wara erba’ xhur li Joanna Agius bdiet tilmenta minn ugiegh f’gisimha, u li ma kienx veru li huwa ma ippersistiex biex jistabilixxi l-kawza tal-ugiegh gdid tant li

saritilha investigazzjoni intensiva u vasta kemm bhala pazjenta fl-isptar, kif ukoll bhala “out patient”, u li ma kienx minnu li huwa attribwixxa l-ugiegh ghal ‘nerve entrapment’, izda din kienet biss wahda mid-djanjozi possibbli minn bosta ipprospettati u investigati bir-reqqa, u li ma kienx minnu li huwa irrefera lil Joanne Agius lill-psikjatra, izda hija kienet riferita ghall-investigazzjoni minn tabib fi specjalita` ohra, u li ma kienx veru li huwa cahad xi talba tal-attrici biex din tigi msiefra ghall-kura barra minn Malta, billi dina kienet prerogattiva tac-C.G.M.O, li t-tobba li ezaminaw lill-attrici barra minn Malta damu x-xhur biex setghu jaslu ghall-konkluzjonijiet definittivi taghhom, u li l-kundizzjoni- medika dovuta ghall-‘pituatary tumour” ma taqax taht l-ispecjalita` tieghu, u t-tisfija fis-sider, apparti li qatt ma kienet issemmiet lilu, ma kellha x’taqsam xejn mal-operazzjoni li huwa kien ghamel, u li l-uzu ta’ ‘sutures’ adoperati minnu kien indikat anke f’operazzjoni tat-tip ezercitata fuq Joanna Agius.

**<u>NOMINA TA’ PERITI GUDIZZJARJI</u>**

3.1. Il-Qorti Civili Prim Awla innominat periti gudizzjarji lit-Tabib Godfrey Laferla, li wara gie sostitwit bil-Professur Victor Griffiths, u lill-avukat Dr Philip Sciberras.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3.2. B’sentenza moghtija fl-24 ta’ Lulju 2000, il-Prim Awla tal-Qorti Civili adottat il-konkluzjonijiet tal-periti gudizzjarji u ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi, billi kkonkludiet li fl-operat tal-konvenut, kemm mil-lat kliniku, kemm dwar dak li ghamel, kif ukoll dak li ma ghamilx, kemm fl-operazzjoni, u kemm fl-investigazzjonijiet, ma kienx hemm xi nuqqas jew zball ta’ traskruragni, jew ta’ nuqqas ta’ kompetenza u li ma setax jinghad li l-konvenut naqas minn dak mistenni minn professjonista fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu sal-grad ta’ kura u hila li ghandu jkollu professjonista fic-cirkostanzi tal-kaz.

**<u>L-APPELL TA’ L-ATTURI</u>**

4. L-atturi rikorrenti hassewhom aggravati bis-sentenza msemmija u interponew appell minnha fuq l-aggravji segwenti:
"Il-Qorti Civili Prim Awla accettat il-konkluzjonijiet tal-periti gudizjarji minghajr ma kkonstatat id-diversi nuqqasijiet, li fihom, bhal, per ezempju: il-perit mediku ma ghamel ebda referenza ghall-fatt li Dr Bezzina kien informa lil Joanna Agius u lill-omm li Joanna Agius kellha 'cysts' u li dik infaqghet waqt l-operazzjoni; u li kienet l-insistenza ta' l-omm li wasslet biex it-tifla terga tiddahhal l-isptar ghal aktar investigazzjonijiet, u mhux il-konvenut li iddecieda li kellu jsir hekk; u li minkejja li t-tifla kienet ghadha maghdura u kellha d-deni, xorta wahda kienet giet illicenzjata mill-isptar fit-2 ta' Settembru 1992; u li l-uniku suspett li l-konvenut kellu kien ta' 'nerve entrapment' u huwa ma kien semma ebda suspett iehor; u li l-konvenut ma riedx jaghti l-kunsens tieghu halli t-tifla tintbaghat ghal kura barra minn Malta a spejjez tal-Gvern; u li l-konvenut kien qal lit-tifla li ma kenitx ser tfieq jekk issirilha l-operazzjoni li l-ispecjalista Ingliz kien issuggerielha; u li meta t-tifla kellha sintomi ta' 'pituatary tumour' wara l-operazzjoni, il-konvenut kien qal li dak kien biss sintomu ta' 'hormone imbalance' u huwa ma ghamel ebda investigzzjoni ohra; u li l-konvenut ma kienx jemmen li t-tifla verament kellha giegh u kien jghidilha li ma kellha xejn u li hija kienet qeghda timmagina; u li l-konvenut baqa' jghid li t-tifla ma ellha xejn kemm f'Settembru 1992 kif ukoll meta l-omm qaltlu li t-tifla ser tigi operata f'Gunju 1993; u li ghalkemm l-ispecjalista Ingliz qabel mal-mod kif l-operazzjoni kienet saret mill-konvenut, huwa investiga u sab li s-sintomi tat-tifla kienu ta' 'chronic infection at the site of the previous operation', kif fil-fatt irrizulta, u li fl-operazzjoni irrizulta wkoll li fattur iehor kien dak tal-'unabsorbable suture' li intuza mill-konvenut li kien aggrava l-infezjoni.

Illi l-konkluzjonijiet li l-Qorti Civili Prim Awla waslet ghalihom ma jidhrux li huma korretti ghaliex: il-konvenut ma sabx x'kienet ir-raguni li wara l-operazzjoni t-tifla kellha l-ugiegh u d-deni li kelha; il-konvenut ma ghamilx l-investigazzjonijiet indikati kollha biex jistabbilxxi l-kawza tas-sintomi imsemmija; il-konvenut ma tax l-importanza

mehtiega ghall-fatt li t-tifla kellha d-deni, il-konvenut ma kienx korrett meta irritjena li t-tifla kienet qeghda timmagina l-ugiegh; il-konvenut naqas li jaghti l-importanza dovuta ghall-fatt li infaqghet ‘cyst’ waqt l-operazzjoni; il-konvenut ma tax l-importanza dovut ghat-tisfija mis-sider tat-tifla wara l-operazzjoni u ma investigax dak il-fatt; waqt li l-operazzjoni maghmula mill-konvenut saret f’Gunju 1992, il-fejqan tat-tifla mill-konsegwenzi tal-operazzjoni gara sena wara, f’Gunju 1993; li anki fl-24 ta’ Mejju 1993 il-konvenut baqa’ isostni li t-tifla ma kellha xejn u qallha halli tistenna ftit iehor halli jara x’ser jigri, aktarx ghaliex kien ghadu jahseb li kollox kien dovut ghal xi ‘nerve entrapment’.

Illi l-Qorti tal-ewwel istanza ma tidhirx li apprezzat sewwa li fic-cirkostanzi kollha li rrizultaw mill-provi fil-kawza, l-appellanti kienu gustifikatissimi li jinsistu li t-tifla tittiehed barra minn Malta ghall-investigazzjonijiet mehtiega u ghall-kura indikata. La darba dik l-insistenza kienet gustifikata, ma kenitx f’lokha l-oggezzjoni tal-konvenut ghaliha. L-investigazzjonijiet u l-kura barra minn Malta swew somma konsiderevoli lill-appellanti, liema spejjez ma kienux ibaghtuhom li kieku, fl-ewwel lok, ma kienx hemm il-konsegwenzi li graw wara l-operazzjoni li l-konvenut ghamel, fit-tieni lok, li kieku l-investigazzjonijiet u d-dijanosi saru korrettement mill-konvenut tempestivament, u fit-tielet lok, li kieku l-konvenut iffacilita li t-tifla tintbaghat barra minn Malta ghall-investigazzjonijiet u kura a spejjez tal-fondi pubblici. Fit-tlett istanzi, l-appellanti jissottomettu li l-konvenut kellu element ta’ tort li jimmerita li jassumi r-responsabilita` tieghu.

Ghar-ragunijiet premessi, kif ukoll ghar-ragunijiet li jigu aktar ampjament esposti fit-trattazzjoni tal-appell, l-appellanti issottomettew li din l-Qorti ghandha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-24 ta’ Lulju 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAL-KONVENUT APPELLAT**

5. L-appellat wiegeb hekk:
(I) Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-appell mar u ghandu jigi dikjarat dezert ghax gie notifikat lill-esponent biss fl-14 ta' Settembru, 2001, cioe` tlettax-il xahar wara l-prezentata tar-rikors tal-appell fl-14 ta' Awissu, 2000.

(II) Illi subordinatament u fil-mertu, s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

(III) Illi l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata strahet fuq il-konkluzjoni tal-periti li kienu tnejn, wiehed legali u l-iehor mediku. Dwar il-konkluzjonijiet tal-perit mediku, jekk l-appellanti ma qablux maghhom, setghu talbu perizja addizzjonali. Dan pero` ma ghamluhx. Ma jistghux issa jippretendu li din l-Onorabbli Qorti tidhol f'materji teknici u medici biex tiskossa l-konkluzjonijiet tal-perit mediku. Illi dwar il-konkluzjonijiet tal-perit legali dawn kienu studjati sew u assennati u l-Qorti kellha kull dritt u ragun li takkoljihom.

(IV) Illi fl-appell regghu issemmew l-istess allegazzjonijiet u addebiti li saru kontra l-esponent u li hu gja wiegeb ghalihom fid-dettal fix-xhieda tieghu jew bil-provi li ressaq u ghalhekk ser jillimita ruhu li jwiegeb fil-qosor f'dir-risposta.

(V) Illi l-ewwel lanjanza hi li Dr. Bezzina kien informa lill-appellanti Joanna Agius u lill-ommha li waqt l-operazzjoni hi kellha 'cysts' li kienu infaqghu u jissemma li dawn kellhom effett hazin fuq ir-rizultat tal-operazzjoni. Illi dan hu ghal kollox falz ghax mhux veru li gew riskontrati xi 'cysts' waqt l-operazzjoni. L-unika patologija kienet 'a small, congenitally atrophic left kidney" li giet imnehhija b'success. Dak li Dr Bezzina suppost li qal lill-appellanti ma hu dokumentat imkien fin-noti tal-pazjenta u mhux minnu. Dan Dr Bezzina lanqas issejjah mill-appellanti biex jikkonferma din l-allegazzjoni.

(VI) Intqal ukoll li kien fuq insistenza ta' omm il-pazjenta u mhux tal-esponent li l-pazjenta giet riammessa l-isptar. Dan ukoll mhux korrett u s-sekwenza tal-fatti veri kienet is-segwenti:- Il-pazjenti ghamlet l-operazzjoni ghat-tnehhija ta' 'diseased left kidney' fis-26 ta' Marzu 1992. Din l-operazzjoni saret b'success tant li fl-1 ta' April, 1992 intbaghtet id-dar biex imbaghad tigi segwita bhala 'out-patient'. Giet ezaminata fis-'Surgical Out-patients' f'zewg okkazzjonijiet, cioe` fil-15 ta' April, u s-6 ta' Mejju, 1992. Fl-ahhar vizita, in-noti tal-pazjent li intlew minn Surgical Assistant jghidu car li l-pazjenta kienet 'asymptomatic' u li "all results are normal". Ghalhekk giet discharged. Ma kien hemm ebda komunikazzjoni ohra mall-pazjent ghall-kwazi tlett xhur. Fit-28 ta' Lulju, 1992 il-pazjenta imbaghad ikkonsultat lill-esponent fil-klinika privata tieghu u qalet li kellha 'history' ta' 'abdominal pain' li kien ilu tlett ijiem li gie segwit mill-'period' li giha dakinhar stess tal-vizita. Ghalkemm is-sintomi li ddeskriviet x'aktarx setghu kienu dovuti ghall-'period pains', l-esponent xorta talab li jsiru ghadd ta' tests fil-laboratorju, li kollha irrizultaw normali. Pero` gimghatejn wara u cioe` fl-14 ta' Awissu, 1992, il-pazjenta regghet ikkonsultatu dwar 'persistent abdominal pain' din id-darba akkompanjat minn 'low grade temperature'. Regghu saru routine tests u dawn irrizultaw normali. Kien f'dan l-istadju li l-esponent innifsu kien issuggerixxa lill-omm il-pazjenta – u hi accettat is-suggeriment tieghu – li l-pazjenta terga tigi ri-ammessa fil-ward tal-esponent fl-Isptar San Luqa fejn kellhom isiru tests ulterjuri.

(VII) Issemma wkoll li l-pazjenta ghalkemm kien ghad ghandha d-deni, giet discharged mill-Isptar fit-2 ta' Settembru, 1992. Dan l-istatement irid jigi spjegat u kwalifikat. Il-pazjenta ghamlet gimghatejn l-isptar. Matul dan il-perijodu kienet assoggettata ghall-ezamijiet estensivi b'kull mezz u rizors disponibbli, uhud minnhom sofistikati hafna. Intoltre fuq talba tal-esponent, giet ukoll ezaminata minn specjalista ohra biex jigi stabilit is-socurce tal-P.U.O, it-term tekniku ghall-"Pyrexia" ossia deni ta' origini mhux maghrufa. L-investigazzjonijiet kollha inkluzi X-Rays, laboratory tests, scans, ecc., irrizultaw fin-negattiv. Il-kondizzjoni generali taghha giet ghall-ahjar u

d-deni ghalkemm kien ghadu jippersisti kien naqas u kien ‘low gade’. Kien ghalhekk gie deciz minn kull min kien qed jikkura lill-pazjenta li jkun aktar fl-interess taghha li tispicca il-konvalixxenza taghha id-dar. Il-familja tal-pazjenta ma oggezzjonawx ghal dan, anzi dehru li ikkoperaw f’dan u li ma oggezzjonawx li johdura d-dar. B’dana kollu, dejjem setghet, bhal kwalsiasi pazjent iehor, li terga’ lura l-Isptar jekk rega’ hassha hazin. Barra minn hekk il-pazjenta inghatat appuntament biex jerga’ jaraha l-esponent wara hmistax fis-Surgical Out Patients. Pero` il-pazjenta ma regghetx tfaccat ghal dan l-appuntament u l-esponent ma regax raha bhala pazjenta. Irid jigi enfasizzat li – kif jidher min-noti tal-pazjenta – li mhux veru li hi kienet giet discharged mill-esponent minn taht il-kura tieghu, kif qed jigi allegat, imma kienet hi stess li ma zammitx l-appuntamenti ghall-‘follow-up appointments’ u b’hekk ma hallietux jinvestigaha aktar.

(VIII) Illi qed jigi allegat ukoll li l-unika djanjozi li ghamel l-esponent kienet dik ta’ “nerve entrapment” u li hu ma ikkunsidrax possibilitajiet ohra. Dan hu ghal kollox falz. Ghalkemm hu minnu li “nerve entrapment” kienet wahda mill-kondizzjonijiet li gew konsidrati fid-‘different diagnosis’ – u din kienet kawza ferma possibbli tant li l-ispecjalista Ingliz li ra il-pazjenta sussegwentement kien ipprova jeskludi din il-kondizzjoni billi irreferiha ghand pazjent iehor – din kienet biss wahda minn possibilitajiet differenti. Dawn il-possibiitajiet kif jindikaw in-noti tal-pazjenta kollha gew investigati b’mod assidwu u attivament u dana mhux biss b’ ‘routine methods’ imma kull b’mezzi ferm sofistikati bhal ultrasound scanning, computerised CAT scans u radiological imaging.

(IX) Intqal ukoll li l-esponent ma qabilx li l-pazjenta tintbaghat ghall-kura barra a spejjez tal-Gvern. Anki dan hu ghal kollox falz u jirrifletti injoranza dwar il-procedura biex jintbaghtu pazjenti ghall-kura barra minn Malta. Il-prerogattiva dwar dan qeghda f’idejn id-Director of Health, ghalkemm jista’ ukoll jintervjeni l-Ministru. Bhala konsulent, l-esponent hu biss intitolat li jirreferi lill-Board pazjenti li jkollhom bzonn treatment li mhux available lokalment. Dan ma kienx il-kaz tal-pazjenta. Di fatti anki

t-treatment li wara rceviet l-Ingilterra kien available hawn Malta. Ghalkemm hu ma kienx irrefriha lil Borad, lanqas fixkel it-talba taghha meta il-Ministru Louis Galea – li sadattant kien avvicinat – kien talbu rapport bil-miktub li hu ghamel u li gja jinsab esebit fil-process. Inoltre hu ta lill-pazjenta rapport shih biex tiehdu maghha l-Ingilterra b'espozizzjoni cara ta' dak kollu li kien sarilha f'Malta u bil-hsibijiet u opinjonijiet tieghu dwar il-kaz taghha. Di fatti l-espacjalist Ingliz deher li ma seta' jaghmel xejn ahjar u semplicement talab lill-specjalisti ohra li jezaminaw lill-pazjenta, u dana ukoll b'rizultat negattiv. Di fatti intbaghtet lura Malta mhux imfejqa u kellha terga tmur Londra aktar tard. L-unika darba li l-esponent kien irrifjuta talba tal-pazjenta kien meta ommha insistiet mieghu – u dana hafna gimghat wara li ma kenitx baqghet tarah bhala kuranti taghha – li hu jibghat lil bintha Londra ghal MRI scan ghax specjalista iehor, Mr. Grixti, kien talab dan. Hu kien qal lill-ommha li ma kienx jara l-htiega ta' MRI scan. Di fatti, lanqas fl-Ingilterra ma nhasset il-htiega tieghu. Kien qalilha li jekk Mr. Grixti ried li jsir dan, kellu kull dritt hu nnifsu bhala Consultant fl-Isptar San Luqa, li jirreferiha hu stess lill-Advisory Board. Dak iz-zmien il-pazjenta ma kenitx ghadha qed tigi kurata mill-esponent. Il-pazjenta kellha wkoll il-possibilita` li tapplika ghar-riumborz ta' spejjez mid-Dipartiment tas-Sahha meta tigi lura mis-safar wara kollox.

(X) Intqal ukoll li ghalkemm l-ispecjalist Ingliz qabel kompletament mal-mod kif kienet saret l-operazzjoni f'Malta, hu kien sab li l-pazjenta kellha 'chronic infection' fis-sit tal-operazzjoni. Illi minn dan johrog car li l-ispecjalista Ingliz kien qabel li l-operazzjoni li kien ghamel l-esponent kienet indikata u effettiva – kif del resto anki ikkonkluda il-perit mediku nominat mill-ewwel Qorti. L-istatement li kien hemm suspett ta' infezzjoni mhux xi skoperta jew sorpriza, ghax din mall-ewwel giet konsidrata bhala l-ewwel raguni possibbli ghall-ugiegh u d-deni li kienet qed issofri minnu l-pazjenta. Dan gie investigat estensivament pero` ma nstabitx evidenza tangibbli ta' infezzjoni. B'dana kollu, il-pazjenta xorta wahda giet 'treated empirically' b'antibiotici fi sforz biex tigi evitata surgery, billi talli surgery ma kenitx garantita li toffri s-

soluzzjoni anzi kien hemm possibilita` li taggrava s-sitwazzjoni tal-pazjenta.  L-ispecjalista Ingliz jidher li agixxa b'mod kawt u prudenti u kien biss wara hmistax-il xahar mill-operazzjoni li kien ghamel l-esponent, u wara li ma rnexxilux ifejjaqha b'mizuri konservattivi, li fl-ahhar ddecieda li jesplora surgically.  Anzi imbaghad ir-records tal-ispecjalista Ingliz juru li l-unika rizultanza sinifikanti kienet 'a chronic inflammatory reaction' – haga li kull surgeon ta' certa esperjenza jaqbel li hija "a common finding" wara 'abdominal surgery' precedenti.  Ma nstabet ebda evidenza ta' xi 'foreign body' bhal, nghidu ahna xi 'retained swab' jew xi patologija ohra li ma gietx notata waqt l-ewwel operazzjoni.

(XI)  Intqal ukoll li Dr. Casrto [recte: Castro] kien qal :"the inabsorbable suture used at operation further aggravated the infection'.  Pero` Dr. Casrto [recte: Castro] qal xi haga differenti  ghal kollox (ara rapport tieghu datat 12.7.93) u cioe`:

"it is my normal practice to use dissolving sutures in this situation but certainly this is open to discussion".

Di fatti "unabsorbable sutures" jintuzaw estensivament minn hafna kirurgi u l-uzu ta' dawn ma inqiesx hazin mill-espert nominat mill-ewwel Qorti.

(XII)  Issemma wkoll li l-esponent ma wasalx ghal djanjozi dwar l-ugiegh u d-deni tal-pazjenta u ma ghamilx l-investigazzjonijiet necessarji u implika li l-pazjenta kienet qed timmagina s-sintomi taghha.  Dan ukoll mhux korrett.  Ghal kuntrarju is-sintomi tal-pazjenta tant ittiehdu bis-serjeta` li :-

a) giet ammessa l-isptar ghal 'full investigation' tal-ugiegh u d-deni li kellha;
b)  ittiehdulha 23 Blood test u 5 urine tests u sarilha ultrasound u CT scans u contrast radiology;
c) inoltre gew konsultati physicians ohra, fosthom il-Prof. J. Azzopardi, Consultant Pysician, u Mr. C. Grixti, Consultant Orthopaedic Surgeon; u

d) l-evidenza disponibbli dwar dak li sarilha l-Ingilterra tindika li l-pazjenta giet hemm investigata fuq l-istess linji u xorta wahda ma nghatat ebda djanjozi definittiva. Kien biss wara 15-il xahar mill-operazzjoni li kien ghamel l-esponent li l-kirurgu Ingliz wasal biex jiddeciedi li jaghmilha “exploratory laparopotmy”.

(XIII) Intqal ukoll l-esponent ma investigax ‘disharge’ mis-sider tal-appellanti. Illi din kienet kondizzjoni ghal kollox differenti minn dik li kien ittrata l-pazjenta ghaliha. Illi l-appellanti kienet semmiet biss din il-kondizzjoni lil wiehed mill-junior assistants tal-esponent (ara patient’s notes datati 30.8.92). Pero` mhux biss das-sintomu ma kienx gie injorat jew ma nghatax importanza, kif allegat, izda il-pazjenta kienet giet mistoqsija f’zewg okkazzjoniiet u cioe` fil-5 ta’ April, 1992 u fis-6 ta’ Mejju, 1992 meta ttendiet is-Surgical Out Patients, u hi ddikjarat li ma kenitx ghadha ssofri minn dan id-discharge. Lanqas ma regghget ilmentat li kienet baqghet issofri minn dan id-discharge meta giet ri-ammessa fl-Isptar kif fuq intqal.

(XIV) Illi l-appellanti qed isostnu fl-appell taghhom li l-esponent kellu element ta’ tort fil-qadi tad-doveri tieghu. L-esponent u t-team tieghu mhux talli ma naqsux fir-rigward tal-pazjent, izda dejjem tawha l-aqwa kura u attenzjoni u dejjem agixxew fuq dak li hasbu li jkun fl-akbar interess taghha. Apparti milli saritilha ‘curative surgery’, kienet investigata estensivament meta xhur wara zviluppat ‘recurrence of symptoms’. Inghatat l-ghajnuna kollha li setghet tinghata mid-Dipartiment tas-Sahha inkluzi rapporti medici ezawrjenti biex tohodhom barra minn Malta maghha. Illi l-esponent qatt ma oggezzjona li hi issiefer ghat-treatment u ghalhekk ma jistax jigi ritenut responsabbli ghal xi spejjez li nkorrew l-appellanti. Kieku riedu, l-appellanti setghu ittrattaw din il-materja mad-Dipartiment tas-Sahha qabel ma siefru. Jekk il-pazjenta ghazlet li ma tkomplix taht il-kura tighu u marret ghand haddiehor, qabel ma hu seta’ jasal ghal dianjosi finali, dan bl-ebda mod mhu tort tieghu, imma tort tal-pazjenta.

(XV) Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-appell ghandu fl-ewwel lok jigi dikjarat dezert u, jekk le, ghandu jigi michud fil-mertu bl-ispejjez taz-zewg istanzi k ontra l-appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

6. L-appell huwa dwar kawza ghal danni reklamati mill-attrici appellanti (u minn missierha) kontra l-konvenut appellat in konsegwenza ta' intervent kirurgiku maghmul minnu fuq il-persuna ta' Joanna Agius u talli impediha milli tibbenifika mill-fakolta` ezistenti li tintbaghat ghal aktar kura fl-Ingilterra billi kien ta' parir kuntrarju. L-ewwel Qorti cahdet it-talba ta' l-attrici u din interponiet appell.

7. In linja preliminarja, il-parti konvenut issollevat id-dezerzjoni tal-procedura ta' l-appell billi tallega li hija giet notifikata tardivament bir-rikors ta' l-appell li gie pprezentat fl-14 ta' Awissu 2000, li n-notifika tieghu sehhet fl-14 ta' Settembru 2001.

Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u sabet li, bhala dati, dak li gie asserit mill-appellat huwa korrett. Madankollu ghandu wkoll jigi rilevat li s-sentenza appellata nghatat fl-24 ta' Lulju 2000 u l-appell gie pprezentat wiehed u ghoxrin (21) gurnata wara, igifieri fl-14 ta' Awssu 2000. Minn verifika li ghamlet il-Qorti jirrizultalha li l-ghoxrin jum kien jaqa' jum il-Hadd, igifieri fit-13 ta' Awissu 2000. Ghalhekk, u dan korrettement, ir-rikors gie pprezentat l-ghada. Mir-riferti mbaghad jirrizulta li l-appellanti gew notifikati fl-14 ta' Settembru 2001. Mar-rikors ta' appell jidher li thallsu wkoll l-ispejjez ghall fini ta' notifika u jidher li r-riferta li turi li l-appellat kien gie notifikat fl-14 ta' Settembru 2001 kienet l-unika wahda li tidher fl-atti. Huwa minnu li a tenur ta' l-artikolu 963(1) tal-Kap. 12 il-procedura bil-miktub fi grad ta' appell ghandha tigi maghluqa fiz-zmien perentorju ta' sena u li skond is-sub-inciz (2) tal-istess artikolu, iz-zmien jibda ghaddej minn dakinhar tal-prezentata tar-rikors, u fin-nuqqas, il-kawza titqies bhala dezerta, imma f'dan il-kaz ma jirrizulta l-ebda nuqqas min-naha tal-parti appellanti. Jekk saret notifika ghall-ewwel darba oltre s-sena stipulata mill-Kodici ta' Procedura u dan id-dewmin ma kienx direttament

attribwibbli ghal xi nuqqqas da parti ta' l-appellanti, din il-Qorti jidhrilha li dik il-parti appellanti m'ghandhiex tigi ppenalizzata bid-dezerjoni meta hija ma kellha ebda torta ta' xejn. Li kieku, invece, kellu jirrizulta li l-parti appellanti naqqset milli taghmel xi att li kellha l-obbligu li taghmlu, allura l-posizzjoni legali kienet tkun differenti. Dan ma jidhirx li hu l-kaz u allura jsegwi li s-sanzjoni tad-dezerzjoni ma tapplikax hawnhekk u l-oggezzjoni preliminarja ta' l-appellat qeghda tigi michuda.

8. L-appell ta' l-attrici huwa bbazat fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti abbraccjat il-konkluzjonijiet milhuqa mill-periti gudizzjarji bla ma qieset sew ukoll diversi fatti ohrajn li l-imsemmija periti skartaw jew injoraw fir-relazzjonijiet taghhom. Dan wassal biex finalment l-ewwel Qorti kkonkludiet u ddecidiet b'mod skorrett. L-appellanti jghaddu mbaghad biex isemmu diversi fatti li graw u li l-ewwel Qorti naqqset milli tikkunsidra, u jsemmu wkoll diversi nuqqasijiet li, skond huma, inkorra fihom il-konvenut minn punto di vista ta' kirurgu.

9. Minn ezami tal-aggravji ta' l-attrici, jidher evidenti li l-atturi m'humiex qeghdin jattakkaw l-aspetti legali tal-vertenza rigwardanti l-akkadut kif delinejati mill-ewwel Qorti. L-appell taghhom invece huwa fil-bicca l-kbira tieghu relatat mas-sottomissjoni li l-fatti li jemergu mill-provi ma gewx ikkunsidrati kollha kemm huma u ohrajn gew evalwati b'mod insufficjenti jew addirittura b'mod zbaljat.

Din il-Qorti tibda billi tosserva li trattandosi ta' evalwazzjoni tal-provi din il-Qorti stabbilit il-prassi li ma tiddisturba qatt b'mod legger dik l-istess evalwazzjoni gja maghmula mill-Qorti ta' l-ewwel grad li quddiemha jkunu gew prodotti l-provi. F'dan il-kaz hafna mill-provi saru u ngabru miz-zewg esperti gudizzjarji wiehed legali u l-iehor mediku, u dawn irrelataw dwarhom lill-ewwel Qorti. Tajjeb li jigi rilevat li r-relazzjoni peritali giet ipprezentata fl-14 ta' Ottubru 1999. Kien hemm perijodu pjuttost twil sakemm ir-relazzjoni giet kkonfermata bil-gurament biex imbaghad il-kawza giet differita ghall-10 ta' Marzu 2000 ghall-ezami tar-rapport. Dakinhar, l-avukat tal-konvenut irrimetta ruhu

ghar-rapport filwaqt li l-patrocinant legali ta' l-attrici baghat jitlob differiment billi kien jinsab idispost. Il-kawza thalliet ghall-5 ta' April 2000. Ghal xi raguni l-verbal ta' din is-seduta m'huwiex fl-atti. Il-kawza giet deciza fl-24 ta' Lulju 2000.

10. Mill-att tal-kawza la jirrizulta li saru xi sottomissjonijiet ulterjuri mill-partijiet, la saret talba ghal nomina ta' periti addizzjonali, la talba ghal fini ta' eskussjoni u lanqas ma giet ipprezentata xi nota ta' kritika. Dan kollu qieghed jigi rilevat ukoll minhabba l-fatt li fost l-aggravji taghhom l-atturi jidhlu f'aspetti ta' natura purament medika li huma messhom minflok, ta' lanqas, eskutew l-espert mediku dwarhom u mhux iressqulhom bhala aggravji f'dan l-istadju ta' appell. Hekk, per ezempju, is-segwenti aggravju,

"….u li ghalkemm l-ispecjalista Ingliz qabel mal-mod kif l-operazzjoni saret mill-konvenut, huwa investiga u sab li, is-sintomi tat-tifla kienu ta' 'chronic infection at the site of the previous operation', kif fil-fatt irrizulta, u li fl-operazzjoni rrizulta wkoll li fattur iehor kien dak tal-'unabsorbable suture' li intuza mill-konvenut li kien aggrava l-infezzjoni."

Fil-fehma tal-Qorti dawn huma lanjanzi li l-attrici messha epurat u ddibattiet fl-ewwel lok quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad. F'kull kaz pero`, anki minn dan l-aggravju jemergi bic-car li kwantu ghall-intervent kirurgiku maghmul mill-konvenut, wiehed ta' natura maggura, billi kien jinvolvi t-tnehhija ta' kilwa mill-pazjenta, li l-operazzjoni ut sic giet kondotta kif suppost. Dan qed jinghad mhux semplicement ghax hekk sostna l-konvenut imma ghaliex hekk ukoll kien tal-fehma l-espert mediku li gie appozitament mahtur mill-ewwel Qorti, kif hekk ukoll iccertifika l-ispecjalista Ingliz li l-attrici dehrilha li ghandha tikkonsulta biex isserrah mohha. Il-possibilita` li kien hemm infezzjoni post-operatorja ma gietx eskluza min-naha tal-konvenut ghax fil-fatt jirrizulta li din il-possibilita` giet ikkunsidrata bhala raguni possibbli ghall-ugiegh li minnu bdiet tilmenta l-attrici. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi djanjozi ta' accertazzjoni facili li setghet giet leggerment skartata jew injorata min-naha tal-konvenut.

Meta l-attrici ddecidiet li tkompli l-kura barra minn Malta u kkonsultat specjalista Ingliz, dan ha x-xhur qabel ma wasal ghal certi konkluzjonijiet u ddecieda li jopera mill-gdid fuq l-attrici. Li jirrizulta hu li f'certu stadju wara l-operazzjoni u wara li kien ghadda z-zmien li tulu l-attrici baqghet tigi investigata bhala 'out-patient' mill-konvenut u staff iehor mediku lokali, l-attrici Joanna Agius tilfet il-fidjucja fil-konvenut u dehrilha, kif kellha kull dritt, li tikkonsulta lil haddiehor minflok tkompli l-kura taht s-sorveljanza tal-konvenut. Li qieghed jigi ezaminat hawn huwa l-punt dwar jekk, minn punto di vista ta' responsabilita`, kienx hemm xi nuqqas jew nuqqasijiet fl-operat tal-konvenut li jiggustfika l-ispejjez u hlasijiet inkorsi mill-atturi biex Joanna Agius tkompli bit-trattament taghha fl-Ingilterra. Sinjifikanti hafna l-fatt li, bil-kontra ta' dak li gie sottomess mill-appellanti fl-aggravji taghhom, l-esperti gudizzjarji, u warajhom il-Qorti ta' l-ewwel grad, ezaminaw b'mod ezawrjenti d-diversi stadji li ghaddiet minnhom l-attrici Joanna Agius u f'din ir-rassenja ta' fatt saret ukoll riferenza ghall-kliem li allegatament intqalu lill-attrici mit-tabib Dr Bezzina relattivament ghall-fatt li waqt l-operazzjoni "infaqghet cyst" (ara para 38 (IV), fol 30 tar-relazzjoni a fol 129 tal-process). Aktar 'l isfel imbaghad fl-istess relazzjoni (para 38 (V) u (VI) insibu li gej,
"Billi l-kilwa marida kienet 'hydro-nephrotic" jigifieri minfuha u borza mimlija din setghet infaqghet waqt l-operazzjoni. Skond l-espert jekk dan sehh dan kien accident sfortunat u mhux traskuragni jew inkompetenza."

X X X

"Skond l-espert mediku jidher li l-konvenut kien ghamel investigazzjoni twila u dettaljata, imma mhux konkluziva, billi f'dan l-istadju omm l-attrici gharrfitu li kienet ser tiehu t-tifla l-Ingilterra.

11. Fl-aggravji taghhom l-atturi, riedu jaghtu x'tifehm lil din il-Qorti li d-djanjozi tal-konvenut kienet wahda monka u inadegwata u li kieku l-konvenut agixxa bl-istess mod kif agixxa l-ispecjalista Ingliz, l-attrici Joanne Agius ma kenitx tkompli tbati bla bzonn. Bir-rispett kollu, anke dan l-ilment hu wiehed strettament tekniku, u gie

invesitgat b'mod approfondit mill-espert mediku mahtur mill-Qorti. Fir-relazzjoni peritali, di fatti nsibu li gej (ara para 38 (XIII), a fol 34 tar-relazzjoni, a fol 133 tal-process),
"Fil-paragrafu li ghamel bejn l-operat ta' Castro u dak tal-konvenut, l-espert mediku jsostni li t-tnejn addottaw 'a wait and see policy' ghal zmien ragonevoli. It-tnejn kienu kkonsultaw specjalisti ohra biex jezaminaw kawzi ohra. It-tnejn ikkonducew testijiet ……. Il-fatt li l-konvenut ma lahaqx wasal ghal test konklusiv daqs ta' Castro ma jfissirx li dan ghandu jitqies bhala nuqqas minn traskuragni jew inkompetenza."

12. L-appellanti jsemmu, fost ohrajn, bhala raguni li wasslet ghall-komplikazzjoni ta' infezzjoni post-operatorja li din kienet dovuta ghall-uzu zbaljat ta' "unabsorbable suture". Huwa veru li skond l-ispecjalista barrani li mieghu kkonsultat l-attrici, (li ta parir in iskritt in data tat-12 ta' Lulju 1993) li dan l-uzu ta' "unabsorbable sutures" aggrava aktar l-infezzjoni ta' l-appellanti u li hu kien normalment juza "dissolving sutures in this situation" imma dan jghidu b'kawtela billi jkompli hekk "but certainly this is open to discussion". Il-punt kollu hu li l-uzu ta' "unabsorbable sutures" ma kienx jammonta ghal xi uzu jew prattika skorretta li jekwivalu ghal xi nuqqas professjonali. L-appellanti jibnu argumenti dwar xi 'cysts' li setghu nfaqghu waqt l-operazzjoni u dan billi jirreferu ghal djanjozi jew diskors li allegatament irreferielhom certu Dr Bezzina. Imma anke jekk dan hu minnu, l-imsemmi Dr Bezzina lanqas ma gie prodott b'xhud fil-kawza. L-appellanti jissottomettu li l-unika dianjosi tal-konvenut fil-bidu ta' l-ezamijiet tieghu kienet dik li l-attrici Joanna Agius kellha "nerve entrapment". Pero` l-provi juru li din ma kenitx l-unika dianjosi li saret imma wahda minn diversi ohrajn meqjusa bhala possibbli. Il-fatti juru li, bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-appellanti, il-konvenut ikkonduca sensiela twila ta' testijiet fuq il-pazjenta tieghu. Fir-relazzjoni peritali, l-espert mediku approfondixxa sew l-operat intier tal-konvenut appellat u kkonfrontah ma' dak li in segwitu sar bl-intervent ta' Dr Castro, l-ispecjalista Ingliz. Mhuwiex il-kaz hawn li din il-

Qorti terga` tirriproduci din l-analizi, wahda purament teknika.  Wara din l-analizi, l-esperti kkonkludew li
“Sa fejn kien involut ma jidhirx li l-kondotta tal-konvenut tista’ titqies jew tigi kwalifikata bhala negligenti, imprudenti jew konsimili.”

Evidentement, l-atturi ghadhom m’humiex konvinti minn dina l-analisi mediko-teknika u jasserixxu invece li  ma gewx meqjusin sew il-fatti kollha tal-kaz.  Bir-rispett kollu, imqar jekk fir-relazzjoni peritali mhux kull fatt imsemmi mill-atturi fl-istadju tal-provi gie espressament inkorporat fir-relazzjoni peritali jew fis-sentenza appellata, ma jfissirx b’daqshekk li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi jew li ddecidiet malament fuq l-istess provi kif huma jsostnu.

13.  L-ahhar aggravju jirrigwarda l-fatt li skond l-appellanti, l-agir tal-konvenut wassal biex Joanne Agius sfat imcahhda milli tipprocedi ghal trattament u kura medika barra minn Malta u dan wassal biex l-atturi nkorrew f’danni, konsistenti fl-ispejjez li kellhom johorgu minn buthom minflok li kollox isir a spejjez tal-awtoritajiet medici lokali.  Ghalkemm ir-relazzjoni peritali tghid biss li fuq din il-possibilita` ta’ safar bl-ghajnuna tal-Gvern “hemm procedura x’kellha tigi segwita” u li l-konvenut “gustament irreferiha (lill-attrici) lil Dr Grixti li kien hu rrakomanda tali ‘test’”, jibqa’ l-fatt li ma jirrizulta minn imkien li l-konvenut impedixxa lill-attrici Joanna Agius milli tiehu u ssegwi l-procedura mehtiega ghal dan l-iskop.  In ultima analizi,  m’huwiex il-konvenut li jiddeciedi, ghalkemm huwa evidenti li l-parir tieghu jkun jghodd.  Hemm mbaghad il-konsiderazzjoni l-ohra li diment li t-trattament seta’ jinghata lokalment, din il-possibilita` ta’ trattament sovvenzjonat barra l-pajjiz tibqa’ wahda remota.  Naturalment, bid-decizjoni li l-attrici u ommha hadu li ma jiffrekwentawx aktar lill-konvenut ghax kienu tilfu l-fiducja taghhom fih, dan il-fatt kompla kkontribwixxa biex tali possibilita` ta’ kura barra minn Malta mhallsa b’ghajnuna mill-Gvern tigi reza aktar difficli – imma lanqas ma huwa gust li l-htija tinxtehet fuq il-konvenut.  Anki jekk wiehed jezamina sew il-fatti f’dan il-kuntest, il-konvenut ma fixkel bl-ebda mod lill-attrici minn kwalsiasi

opportunita` li setghet tipprevalixxi ruhha minnha. Anzi, il-provi juru li fejn seta' huwa ghinha billi forniha bic-certifikati kollha li setghu servuha biex tigi ezaminata ulterjorment kemm f'Malta, kif ukoll fl-Ingilterra. Dan l-aggravju ghalhekk, bhal dawk ta' qablu huwa wkoll infondat u qieghed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------